**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR JOSEPH BONNICI LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-TLIETA 5 TA' MARZU, 2002

**Numru: 10**

**Avviz Nru: 1310/01 JB**

**Allied Newspapers Limited**

**vs**

**Clouds Catering Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm574.25c (hames mija u erbgha sebghin lira Maltin rappresenanti servizzi resi ghall-servizz ta' reklamar lill-konvenut fuq ordni w inkarigu specifiku.

Ghalkemm il-konvenut gie interpellat biex ihallas, anke permezz ta' ittra bonarja datata 22 ta' Frar, 2000 huwa baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez inkluz ta’ l-ittra bonarja tat- 22 ta’ Frar, 2002, u l-interssi mid-data ta’ kull fattura sal-gurnata tal-hlas effettiv.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema lil Dr. Aaron Bugeja jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ Lm574.25c (hames mija u erbgha u sebghin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi) rappresentanti servizzi ta’ reklamar lill-konvenut fuq ordni u inkarigu specifiku tieghu, bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**